**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 415/2018**

Il-Pulizija

vs

**Justin Zahra**

Iben il-mejjet Charles u Marlene xebba Cassar, imwieled il-Pieta' fil-15 ta' April 1987 detentur tal-karta ta' l-identita' numru 181087(M)

Illum, 8 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Justin Zahra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat talli nhar l-20 ta' Marzu 2010 għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar (13 :00hrs) u/jew f'ħinijiet qabel, fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin f' Raħal il-Gdid u f'dawn il-Gżejjer :

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li ipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess

ta' awtoriżżazzjoni ghall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu.
3. U aktar talli fl-stess data, ħin u ċirkustanzi bħala persuna li mhux impjegata fil-ħabs, Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita' leġittima, daħħal jew ipprova idaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skont xi regolamenti magħmulin skont dan l-Att, jew iġorr jew jipprova jġorr xi oġġett bħal dak barra minn xi ħabs u dan bi ksur tal-artikolu 7(1) tal-Kap.260 tal-Liġijiet ta' Malta.
4. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar it-23 ta' Ottubru 2008.
5. B'hekk sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-31 ta' Ottubru 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 7(1) tal-Kap.260 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(h) 28B(1), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux ħati ta' dik il-parti tal-ħames imputazzjoni (ir-reċediva) li tirreferi għall-artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta'

Malta u illiberatu minnha, fil-waqt li fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet in kwantu din tal-aħħar tirreferi għall-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ikkundannatu dwar ir-reati kkontemplati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet u l-addebitu tar-reċediva għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap.9, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-ligi.

Inoltre ai termini tal-artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat illi s-sentenza sospiża mertu tar-raba' imputazzjoni, ossija dik mogħtiija fil-konfront tal-ħati minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli nhar it-23 ta' Ottubru 2008 u li permezz tagħha huwa ġie kkundannat għal tliet xhur priġunerija sospiżi għal sentejn, għandha tibda fis-seħħ.

Ai termini ta'l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lil ħati għal ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal ta-inkjesta u ċioe' l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għal somma ta' mija disgħa u sittin ewro u tnejn u disgħin centeżmu (€169.92) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PC1253 Frederick Brincat ammontanti għas-somma ta' tlieta u ħamsin ewro u ħamsin ċenteżmu (€53.50), b'kollox ammontanti tali spejjez għas-somma ta' mitejn u tlieta u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€223.50), liema spejjez għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga eżebita in atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għall-akkużi kollha li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati u dan wara ammissjoni inkondizzjonata reġistrata minnu u dan f'żewġ seduti, l-ewwel f'dik tat-23 ta' Mejju 2016 u għal darb'oħra fis-seduta tas-06 ta' Frar 2017. Jilmenta l-appellant illi qabel ma l-Qorti għaddiet għas-sentenza kien sar qbil bejn l-prosekuzzjoni u d-difiża dwar il-*quantum* tal-piena li kellha tiġi erogata mill-Ewwel Qorti, liema patteġġjament madanakollu ma giex milqugħ mill-Qorti mingħajr ma ingħata ebda pre-avviż lill-imputat. Jallega illi kien fid-dawl ta' dan il-qbil illi huwa ammetta l-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Jikkontendi illi allura l-piena li kellha tiġi kkominata kellha tkun waħda li tqarreb lejn il-minimu u mhux dik erogata mill-Ewwel Qorti li lanqas ma ħadet qies illi kien ħareg mill-vizzju tad-droga, qed jipprova jirriforma ħajjtu u illum huwa missier ta' żewġ ulied, oltre għat-trapass taż-żmien minn meta seħħew ir-reati lilu addebitati.

Illi minnufuh u mingħajr tlaqliq il-Qorti tistqarr illi dan l-appell jirrażenta il-fieragħ u m'hu xejn ħlief tattika minn naħa tal-appellant sabiex jipprova ittawwal il-proċeduri. Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għaddiet biex teroga il-piena ta' disa' xhur priġunerija u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro, piena għalhekk li tqarreb ferm lejn il-minimu ta' sitt xhur priġunerija u multa ta' €465.87 kif maħsub fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta. Oltre dan ġabet fis-seħħ sentenza ta' tlett xhur priġunerija sospiża

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008. B'hekk it-terminu tal-priġunerija komminat kontra l-appellant huwa ta' sena priġunerija fit-total.

Issa minn eżami ta'l-atti għandu joħroġ illi fis-seduta tas-07 ta' Frar 2018 sar is-segwenti verbal:

> **"Il-partijiet jirrilevaw illi in vista ta'l-ammissjoni għall-akkużi dedotti fil-konfront tal-imputat umilment jissottomettu li l-piena erogata minn din il-Qorti għandha tkun dik ta' <u>sena priġunerija effettiva.</u>"** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi għalkemm l-Ewwel Qorti f'dik is-seduta ddikjarat minnufih li ma kenitx qed tintrabat ma' dan il-patteġġjament informali, madanakollu mir-*ratio decidendi* jirriżulta illi kienet sodisfatta bis-sanzjoni kif proposta u għaddiet biex imponiet fit-total it-terminu ta' sena priġunerija u dan wara li qieset il-koperazzjoni tal-imputat fl-istadju tal-investigazzjonijiet, l-ammont ta' droga involuta u iċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz. Jingħad biss, u dan kif ġustament stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, illi l-patteġġjament quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali għandu jsir fit-termini ta'l-artikolu 370(6) li jirrendi applikabbli għal dik il-Qorti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 392A li allura jfassal il-mod kif għandu isir tali patteġġjament fejn fis-subartikolu 5 tiegħu jiddisponi hekk:

> **"fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwanti tà miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom."**

Illi huwa bil-wisq evidenti illi din il-proċedura ma ġietx segwita bejn il-partijiet. Kwindi l-Ewwel Qorti ma kienet bl-ebda mod marbuta ma kwalsiasi ftehim li kien sar bejn l-prosekuzzjoni u id-difiża b'mod informali. Illi fis-sub-artikolu 6 jinsab dispost illi:

**"l-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5)."**

Illi dan is-sub-inċiz tal-liġi ġie miżjud permezz ta'l-Att VIII tal-2015 biex b'hekk il-prassi li kienet ezistenti fil-qrati inferjuri fejn ikun sar xi patteġġjament informali mhux irreġistrat kif mitlub fil-liġi, kellu jiġi injorat mill-qorti meta tiġi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha. Dan x'aktarx seħħ billi bl-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-Kodiċi Kriminali l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati zdiedet konsiderevolment biex b'hekk issa l-proċedura addottata hija simili għal dik addotatat quddiem il-Qorti Kriminali.

Dan magħdud, għalkemm l-Ewwel Qorti ma kenitx marbuta illi tieħu konjizzjoni ta' xi ftehim informali li seħħ bejn il-partijiet, madanakollu l-piena kif mifthiema xortawaħda ġiet applikata mill-Ewwel Qorti biex b'hekk l-aggravji imressqa mill-appellant huma frivoli u ċertament ma jistħoqqilhomx akkoljiment. Illi fi kwalunkwe każ din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' iġiegħla tvarja il-piena inflitta billi din kienet waħda ġusta u li mhux biss taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi, iżda tqarreb lejn il-minimu assolut . Dan iktar u iktar meta l-appellant kellu jitqies bhala reċidiv mhux biss fit-termini ta'l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali imma anke ta'l-artiklu 50 tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha. It-termini ndikata fis-sentenza appellata għal ħlas tal-multa inflitta u tal-ispejjeż peritali għandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur